**NEWSHEET TAL-GĦAQDIET KATTOLIĊI**
Segretarjat għall-Apostolat tal-Lajċi

IL-KURJA, KAXXA POSTALI 1 TRIQ IR-REPUBLIKA, VICTORIA, VCT 1013, GĦAWDEX, MALTA.
TEL: (00356) 2155 6661 - (00356) 2155 6427 - (00356) 2155 1211 FAX: (00356) 2155 127

**Nru. 417** **SETTEMBRU 2011**

===============================================================================

## PELLEGRINAĠĠ DJOĊESAN
### għall-Parroċċa ta' Marija Bambina, Il-Mellieħa, MALTA
### It-Tlieta 6 ta' Settembru 2011

Is-Segretarjat Djoċesan għall-Appostolat tal-Lajċi ser jorganizza Pellegrinaġġ Djoċesan għall-Parroċċa ta' Marija Bambina, Il-Mellieħa, Malta, nhar it-Tlieta, 6 ta' Settembru 2011.

Nitilqu mill-Imġarr Għawdex mal-vapur tal-5.15pm. Fiċ-Ċirkewwa jkollna transport ipprovdut għal din l-okkażjoni. Nirritornaw lura lejn Għawdex mal-Vapur tal-9.00pm.

Is-saċerdoti kollha li jiġu huma mistiedna jikkonċelebraw mal-E.T. Mons Isqof Mario Grech u jġibu magħhom Alba u Stola bajda.

N.B. Ġibu magħkom il-Karta tal-Identità. Min ser jiġi, jinkiteb fl-Uffiċċju Parrokkjali ta' kull Parroċċa sat-Tnejn 2 ta' Settembru 2011. Il-ħlas, minbarrra l-Vapur, huwa tat-€3.00.

---

## Assemblea Djoċesana għall-operaturi pastorali
### Ftuħ tas- Sena Pastorali
### It-Tnejn, 19 ta' Settembru 2011
### Oratorju Don Bosco - 6.30pm

Huma mistiedna l-lajċi kollha membri ta' Kummissjonijiet Djoċesani, tal-Kunsilli Pastorali Parrokkjali, u ta' kumitati oħra parrokkjali, il-lajċi li jaqdu xi ministeru, u l-membri tal-Għaqdiet u l-Movimenti ekkleżjali. Waqt l-assemblea jingħata rapport tal-ħidma pastorali tas-sena li għaddiet u jiġu indikati l-objettivi tal-Pjan Pastorali. Ikun preżenti Mons Isqof.

---

## FTUĦ TAS-SENA SOĊJALI 20011-2012 TAL-AZZJONI KATTOLIKA F'GĦAWDEX

**Is-Sibt, 1 ta' Ottubru 2011** ser jsir il-Ftuħ tas-Sena Soċjali tal-Azzjoni Kattolika f'Għawdex fuq bażi djoċesana 2011 -2012 fid-Dar Ċentrali tal-Azzjoni Kattolika, Victoria. Il-funzjoni tibda fil-5.00p.m b'diskors mill-Viċi-President Djoċesan tal-Azzjoni Kattolika, u fil-5.15pm quddiesa konċelebrata mmexxija mill-Assistent Ekkleżjastiku Mons Karm Hili flimkien mall-Assistenti Ekkleżjastiċi kollha tal-A. K. Wara Power Point imtellgħa mit-tfal ta' Mrs Carmen Formosa bi script ta' Ġanninu Cremona fuq **« il-poter tal-Media »** u wara ssir diskussjoni fuqu minn panel magħżul apposta. Il-membri tal-Azzjoni Kattolika kollha huma mitluba jattendu.

**Kalendarju Pastorali**
**Settembru 2011**
**Numru 417**

| | |
|---|---|
| 1 Ħamis | Laqgħa Grupp ta' Talb Dun Mikiel Attard (Knisja ta' Ħamet- 7.30pm / Quddiesa fis-7.00pm). |
| 2 Ġimgħa | L-Ewwel Ġimgħa tax-xahar.Adorazzjoni u Tqarbina Riparatriċi. |
| 3.Sibt | San Girgor il-Kbir, Papa u Duttur tal-Knisja. Tifkira (O).<br>L-Ewwel Sibt tax-xahar / Laqgħa għar-Retturi tal-Knejjes (Kurja - 9.00am).<br>Lejl Adorazzjoni mill-Mov. Ewk. fil-Knisja Ta' Ħamet li jibda fit-8.30pm |
| 4.Ħadd | It-23 Ħadd tas-Sena.<br>Festa tal-Madonna tal-Karmnu – Knisja tax-Xlendi. |
| 6.Tlieta | **Pellegrinaġġ Djoċesan** immexxi mill-Isqof t'Għawdex Mario Grech għall-Parroċċa ta' Marija Bambina, Il-Mellieħa, Malta. Nitilqu mal-Vapur tal-5.15pm u nirritornaw mal-vapur tad-9.00pm. Biljetti mill-Uffiċċji Parrokkjali. |
| 7.Erbgħa | Laqgħa tal-Kulleġġ tal-Kappillani (Ċentru tar-Ragħaj it-Tajjeb - 8.30am).<br>Tifkira tal-Bidu tal-Leġjun ta' Marija (7 ta' Settembru 1921). |
| 8.Ħamis | It-Twelid tal-Imqaddsa Verġni Marija – Festa / Festa ta' Marija Bambina – Parroċċa Xagħra.<br>Jum il-Vitorja - Festa Nazzjonali. |
| 9.Ġimgħa | San Pietru Claver, Presbiteru. Tifkira.<br>**Laqgħa għad-Diriġenti tal-Għaqdiet u l-Movimenti** (Ċentru Pastorali Ragħaj it-Tajjeb -7.00pm) |
| 10.Sibt | Lejl Adorazzjoni mill-Mov.Ewk. fil-Parroċċa tas-Sannat (8.30pm). |
| 11.Ħadd | L-24 Ħadd tas-Sena.<br>Festa tal-Madonna tal-Grazzja – Knisja tal-Kapuċċini, Victoria.<br>**Irtir għas-saċerdoti** f'Manresa mill-11-16 ta' Settembru. Predikatur Dun Ray Toledo. |
| 12.Tnejn | L-Isem ta' Marija. Tifkira. |
| 13.Tlieta | San Ġwann Kriżostmu, Isqof u Duttur tal-Knisja. Tifkira (O).<br>Il-5 dehra tal-Madonna ta' Fatima fil-Knisja ta' Ħamet. Fil-5.30pm adorazzjoni solenni u fis- 6.30pm quddiesa u wara pellegrinaġġ ta' talb . |
| 14.Erbgħa | Festa tal-Eżaltazzjoni tas-Salib Imqaddes. |
| 15.Ħamis | L-Imqaddsa Verġni Marija tad-Duluri. Tifkira (O). |
| 16.Ġimgħa | Il-147 Anniversarju tat-**Twaqqif tad-Djoċesi** ta' Għawdex. Festa. |
| 17.Sibt | San Roberto Bellarmino, Isqof u Duttur tal-Knisja. Tifkira / San Franġisk fl-għoti tal-Pjagi. Tifkira.<br>**Laqgħa għar-Religious Counsellors u Għalliema tar-Reliġjon** (Kurja - 9.00am).<br>Lejl Adorazzjoni mill-Mov. Ewk. Fil-Knisja ta' Sant'Anton, Xagħra (8.30pm). |
| 18.Ħadd | Il-25 Ħadd tas-Sena. |
| 19.Tnejn | San Ġennaru, Isqof u Martri. Tifkira / **Assemblea Djoċesana għall-operaturi pastorali** - Ftuħ tas- Sena Pastorali (Oratorju Don Bosco - 6.30pm) |
| 20.Tlieta | San Andrea Kim Taegon, Presbiteru, u Sħabu, Martri – Tifkira (O) |
| 21.Erbgħa | San Mattew apostlu u evanġelista. Festa / Jum l-Indipendenza (Festa Nazzjonali).<br>Laqgħa KDF (Ċentru Pastorali Ragħaj it-Tajjeb - 7.00pm) |
| 23.Ġimgħa | San Piju minn Pietrelcina, Presbiteru. Tifkira (O) / Seminar KPF (responsabbli u animaturi Mixja). |
| 24.Sibt | **Laqgħa għas-Saċerdoti** - Bidu Sena Pastorali (Dar Manresa - 9.00am).<br>Adorazzjoni għall-Persuni Kkonsagrati (Parroċċa San Ġorġ, Victoria - 7.00pm).<br>Lejl Adorazzjoni mill-Mov. Ewk. (Knisja ta' San Franġisk, Victoria - 8.30pm). |
| 25.Ħadd | Is-26 Ħadd tas-Sena. |
| 26.Tnejn | San Kosma u San Damjan, Martri. Tifkira / Kunsill Pastorali (Ċentru Ragħaj it-Tajjeb - 8.00pm) |
| 27.Tlieta | San Vinċenz de Paul, Presbiteru. Tifkira (O). |
| 29.Ħamis | L-Arkanġli Mqaddsa, Mikiel, Gabrijel u Rafel. Festa. |
| 30.Ġimgħa | San Ġlormu Saċerdot u Duttur tal-Knisja. Tifkira (O). "Min ma jafx l-Iskrittura ma jafx lil Kristu". |

**INĦEĠĠU LIL KULĦADD SABIEX JATTENDI GĦAL-LAQGĦAT TA' FORMAZZJONI.**

**"IT-TAGĦLIM HUWA L-GĦAJN TA' KULL ĠID" (San Ġorġ Preca)**